MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2001

Numru 517/2001

**Il-Pulizija**
**(Sp. Sharon Tanti)**
**(Sp. Louise Vella)**
**(Sp. Sandro Zarb)**

**vs**

**Tretiak Tatiana ta' 22 sena, bint Ivan u Valentina Zharchenko, mwielda Rostov Region, Russia fis-16-05-79, detentur tal-passaport bin-numru 44 no. 2430146**

**Mejoueva Ioulia ta' 22 sena, bint Victor u Ludmila Nikolaiva, mwielda Rostov Region, Russia fid-29-01-79 u detentur tal-Passaport bin-numru 43 no. 9999031**

**Illum 11 ta' Settembru, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Tretiak Tatiana u Mejoueva Ioulia li gew akkuzati talli f'San Pawl il-Bahar u f'inhawi ohra f'dawn il-gzejjer, fil-31 ta' Awissu u matul il-gimghat precedenti, b'diversi atti maghmulin minnhom wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjaw jew ghamlu biex ihajru ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-Artiklu 7 (2) tal-Kapitlu 63 tal-Ligi ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, tiddikjara lill-imsemmija Tretiak Tatiana u Mejoueva Ioulia bhala immigranti ipprojbiti u tohrog ordni ta' tnehhija fil-konfront taghhom a tenur tal-Artikolu 15 tal-Kap 217.

Wara li rat l-atti tal-kawza, fuq ammissjoni ssibhom hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u dan wara li rat l-artiklu 7(2) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta. Rat ukoll l-artiklu 5 u 217 tal-Kap 217.

Dwar il-piena rat l-artiklu 9 tal-Kap 152, tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena mil-llum. Ai termini ta' l-artikoli hawn fuq imsemmija tal-Kap 217 qeghda tiddikjarahom bhala immigranti pprojbiti u qeghda tohrog fil-konfront taghhom ordni ta' tnehhija minn dawn il-gzejjer b'effett mil-llum.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.